ĦARĠA NUMRU 6 - REBBIEGĦA 2016

NEWSPAPER POST

# NISĠET ARTNA

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MIS-SEGRETARJAT GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



13 JIRRITORNA ŻMIEN IL-FRAWLI

07 RESTAWR TAL-UNIKU TORRI TAL-ILMA F'MALTA

# L-Editorjal

**In-Natura u l-Kultura Tagħna Jintgħaġnu Flimkien**

Ninsabu fix-xahar ta' Marzu, xahar illi miegħu jġib l-istaġun tar-rebbiegħa li fil-bidu tiegħu niċċelebraw festa oħra tant mistennija, l-Għid il-Kbir. Ir-rebbiegħa huwa wieħed mill-erba' staġuni tas-sena u l-istaġun ta' tranżizzjoni mix-xitwa għas-sajf. Dan l-istaġun huwa wieħed mill-isbaħ, għax il-ġranet jibdew jitwalu, u għalhekk minbarra li jkollna iktar ħin ta' dawl, jiżdied ukoll il-ħin biex inlaħħqu mal-impenji li jkollna. It-temperaturi jibdew - jew din is-sena jkomplu - jiżdiedu minħabba li ma kellniex xitwa kiefra, sakemm ma jfettlilhiex tibda f'dan l-istaġun.

Ġeneralment wieħed jinnota li fir-rebbiegħa tibda ħajja ġdida; naraw in-natura terġa' tibda tistenbaħ; ninnutaw għelieqi sħaħ jibdew jinksew b'ilwien differenti ta' fjuri, u s-siġar u l-pjanti jkunu fl-aqwa tagħhom. In-naħal u l-friefet jibdew għaddejjin fuq xogħolhom. Dan iż-żmien nistgħu ngħidu li jagħti tama ġdida lill-bdiewa qabel ir-raqda tas-sajf, billi n-natura tkun tista' titgawda iżjed.

Sinonimi ma' dan iż-żmien insibu l-ward illi jżejjen is-sepulkri; ward illi jinqatà mir-raba' biex iżejjen il-knejjes, u filwaqt illi jaqdi l-iskop li jagħti glorja lil min ħalqu, igawdih kull min f'dan iż-żmien iżur il-knejjes tagħna u japprezza x-xogħol illi jsir fihom.

F'din il-ħarġa nixtieq nirringrazzja lit-tfal kollha li pparteċipaw fil-kompetizzjoni li kellna fil-ħarġa li għaddiet. B'sodisfazzjon nista' ngħid li din ir-rokna ntlaqgħet tajjeb ferm mal-qarrejja żgħar tagħna għax kellna ħafna parteċipanti. Inħeġġiġkom biex tkomplu taqraw u tibagħtu r-risposti tagħkom. Bħal dejjem, ħejjejna diversi artikli ta' interess ġenerali sabiex nolqtu kull faxxa tas-soċjetà. Fost l-oħrajn, f'din il-ħarġa ser issibu wkoll artikli dwar is-summien u t-tiġieġ iswed ta' Malta, kif ukoll interessanti li wieħed jaqra l-artiklu dwar il-bużaqq u t-torri tal-ilma, torri li huwa uniku fil-gżejjer tagħna. Jirritorna wkoll il-messaġġ tradizzjonali tal-Onorevoli Roderick Galdes u r-rokna marbuta mal-folklor u l-kultura tal-istaġun illi nkunu fih.

Nispera li din il-ħarġa ssibuha ta' interess bħalma sibtu l-oħrajn kollha.

Tislijiet

Ramona Borg

SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-BIEDJA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI


## NISĠET ARTNA

Pubblikazzjoni maħruġa mis-Segretarjat għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali
Taqsima Festi Rurali

Ċentru ta' Riċerka u l-Iżvilupp
L-Għammieri, Triq l-Ingiered
Il-Marsa. MRS 3303

Ritratt meħud minn Ian Noel Pace

© Segretarjat Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali




Il-koordinatur tal-Komunikazzjoni- James J. Piscopo

L-Editriċi - Ramona Borg

Kontributuri:
Stefan Cachia, Dr Mario Spiteri, Jeffrey Sciberras, Arnold Sciberras, Philip Aquilina, Christopher Bonnici, Philip Camilleri, Carmelo Briffa, Leslie Vassallo, Tristan Charles Camilleri, Claire Cauchi, Elenio Tanti, Andrew Farrugia, Simone Galea

Qari tal-Provi - Christopher Bonnici

Disinn
MAD PROMOTIONS — MARKETING ADVERTISING DESIGN

Stampat
Five Star


# Werrej


3 Ninsabu nofs triq
4 Inawgurat il-moll tal-Veċċja
5 Titwaqqaf l-importazzjoni t'annimali perikolużi fi djar privati
6 Jibdew jitqassmu 40,000 Ewro mill-"Animal Welfare Fund"
7 Restawr tal-uniku Torri tal-Ilma f'Malta
8 Il-benefiċċji tad-demel / It-tiġieġ iswed ta'Malta
10 Aktar servizzi għal firxa akbar ta' annimali
11 Tnaqqis tal-burokrazija fil-kaċċa
12 Summien ta' Malta
13 Jirritorna żmien il-frawli
14 Riċetta għaż-żminijiet tal-Għid
15 Rokna għat-tfal
16 Ħuta żgħira b'importanza ekoloġika kbira
17 Patata oħra għall-kċina Maltija
18 Xogħol fir-Rebbiegħa
20 Nibżgħu għas-siġar tagħna
21 L-uġigħ ta' ras fit-tkabbir tat-tadam
22 Il-Poeta nazzjonali u r-rabta mar-raba'
23 Għerf il-poplu




# NINSABU NOFS TRIQ



**RODERICK GALDES**
Is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali

L-ewwel tliet xhur għaddew f'tebqa t'għajn. Għas-Segretarjat tiegħi kienu ġranet impenjattivi li fihom rajna diversi inizjattivi jagħtu l-frott mixtieq.

Sfortunatament dawn l-ewwel tliet xhur ma tantx kienu ħanina mal-bdiewa tagħna, bin-nuqqas ta' xita tkun uġigħ ta' ras kbira li taffettwalhom il-prodott. Jien diġa` tkellimt u se nkompli nsemma' leħni fl-ogħla istituzzjonijiet Ewropej biex il-bdiewa tagħna jingħatalhom xi tip ta' inċentiv jew għajnuniet li jagħmlu tajjeb għal din il-kriżi naturali li kellhom jaffaċċjaw.

Pero` minn aspett ta' amministrazzjoni, dawn ix-xhur se jaraw diversi inizjattivi biex inkomplu naġġornaw il-politika agrikola ta' pajjiżna. Kollox lest biex inniedu għall-konsultazzjoni l-ewwel Politika Agrikola Nazzjonali, filwaqt li ppubblikajna wkoll l-istrateġija għall-immaniġġjar tal-"Farm Waste".

Wara snin ta' telqa u abbandun, is-sajjieda jistgħu jerġgħu jagħmlu użu mill-moll 'Tal-Veċċja' f'San Pawl il-Baħar hekk kif inawgurajnieh fl-aħħar ġimgħat. Żort ix-xogħlijiet u tassew sodisfatt bil-biċċa xogħol li għamilna għall-ġid tas-sajjieda. Dan isegwi proġetti oħra li saru, bħall-pixkerija l-ġdida, żoni ta' ħatt u diversi skallijiet imxerrdin ma' Malta u Għawdex.

Fil-bidu ta' din is-sena tajna wkoll l-ewwel donazzjonijiet lill-NGOs u s-Santwarji tal-Annimali taħt l-ewwel skema tal-"Animal Welfare Fund". Dawn l-għotjiet marru għal proġetti tant meħtieġa mis-santwarji biex jgħinuhom fil-ħidma tagħhom ta' kuljum.

Wara proċess twil ta' konsultazzjoni għaddejna l-ewwel Avviż Legali fuq l-annimali perikolużi. Annimali perikolużi u velenużi li huma ta' theddida għas-saħħa pubblika mhumiex posthom fi djar mingħajr ebda tip ta' kontroll, għalhekk waqqafna l-importazzjoni minn individwi u bdejna proċess ta' reġistrazzjoni tal-annimali li diġa` jinsabu f'Malta.

Dawn huma wħud mill-inizjattivi li se ssibu aktar informazzjoni dwarhom fil-paġni li ġejjin. Kif qed taraw, issa li qbiżna nofs il-leġislatura u bdejna t-tielet sena ta' din l-amministrazzjoni, qed naraw bidla kontinwa sseħħ fis-setturi kollha tal-pajjiż. Il-bidla li qed iġġedded u timmodernizza l-pajjiż, li qed tkabbar l-ekonomija u ttejjeb il-qagħda tal-familji Maltin u Għawdxin, qed isseħħ.

Flimkien se nkomplu naħdmu, u flimkien se nkomplu naraw aktar riżultati.





**IRRIKLAMA FUQ DAN IL-MAGAZIN**

**IKKUNTATTJANA FUQ**
**T: 2292 4110**
**E: nisgetartna.msdec@gov.mt**
**W: agriculture.gov.mt**




# INAWGURAT IL-MOLL TAL-VEĊĊJA



## Tissokta l-bidla li qed iseħħ fl-infrastruttura tas-sajd

Is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes flimkien mas-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej Ian Borg inawguraw il-moll il-ġdid u xogħlijiet oħra fuq il-Veċċja f'San Pawl il-Baħar.

Ix-xogħlijiet tlestew fl-aħħar jiem u s-sajjieda diġà bdew jagħmlu użu mill-faċilitajiet il-ġodda. Dan wara li dan il-moll kien ingħata l-ġenb mill-amministrazzjoni preċedenti.

Is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes qal illi x-xogħlijiet fuq dan il-moll - li nbena aktar minn 80 sena ilu - koprew medda ta' 3,500 metru kwadru. Dawn jinkludu post fejn jitrakkaw id-dgħajjes, żewġ "slipways" ġodda, u bini ta' żona ta' ħatt.

L-Onorevoli Galdes qal illi l-wiċċ tal-"breakwater" inbidel u nbena mill-ġdid, l-imraddijiet tpoġġew f'postijiet aħjar kif mitlub mis-sajjieda, u saret protezzjoni għall-"breakwater" permezz ta' blat fejn il-mewġ iħabbat l-aktar fil-grigal, wieħed mill-fatturi ewlenin tal-ħsara li kienet saret fuq il-moll matul is-snin.

Xogħlijiet oħra jinkludu installazzjoni ta' sistema ġdida ta' dawl fuq il-moll, provista t'elettriku u ilma lis-sajjieda, u tagħmir li jagħti l-ewwel għajnuna. Il-valur ta' dan il-proġett ilaħħaq madwar 1.3 miljun ewro, parzjalment ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej Dr Ian Borg saħaq li dan hu parti minn proġett akbar li fih jinkludi wkoll xogħlijiet f'portijiet oħra madwar Malta bħal dak f'Wied il-Għajn, ix-Xemxija, u l-Marsa. Hu kompla jgħid li grazzi għall-Fondi Ewropej għas-Sajd 2007-2013, Malta ser tkun ibbenefikat minn madwar 11-il miljun ewro mill-programm li għadu kemm ġie konkluż.

Dr Borg spjega kif dan ifisser illi kien hemm assorbiment ta' 100% tal-fond partikolari, waqt li għalaq billi fakkar li mill-baġit il-ġdid ta' Fondi Ewropej 2014-2020 Malta ser tkompli tikseb aktar fondi għas-settur marittimu biex jiggarantixxu sajd u akwakultura kompetittivi u sostenibbli. Huwa spjega kif issa l-allokazzjoni hija ta' 29 miljun ewro, tliet darbiet aktar mill-ammont preċedenti.

Is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes irringrazzja lil kull min kien involut fosthom il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar u l-kooperattivi tas-sajd. Temm jgħid li dan il-proġett imur id f'id mal-viżjoni tal-gvern li noffru lis-sajjieda infrastruttura moderna kif tixirqilhom.





# TITWAQQAF L-IMPORTAZZJONI T' ANNIMALI PERIKOLUŻI FI DJAR PRIVATI

Annimali perikolużi u velenużi mhumiex se jibqgħu jiġu importati mingħajr kontroll minn individwi. Dan wara li ġew ippubblikati l-ewwel regolamenti dwar iż-żamma u l-pussess ta' annimali perikolużi.

Dan ma japplikax għal zoo's liċenzjati li huma regolati minn liġi separata. F'konferenza tal-aħbarijiet, is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes qal li din id-deċiżjoni li tikkontrolla l-importazzjoni hi msejsa fuq tliet aspetti: il-ħarsien tal-annimal inkwistjoni, is-sigurtà pubblika u l-protezzjoni tal-fawna li tinsab f'pajjiżna.

Hu rrimarka li permezz ta' dawn ir-regolamenti ġodda, il-gvern issa se jkollu stampa u statistika reali ta' dawn l-annimali f'pajjiżna, il-moviment tagħhom u fejn jinsabu. Għal dan il-għan kull annimal eżotiku għandu jkollu mezz ta' identifikazzjoni, bħal "microchips", "tattoos", "DNA profiling" jew mezzi oħra, biex jingħaraf min hu sid l-annimal.

Annimali perikolużi li diġa` qegħdin f'pajjiżna jridu jiġu reġistrati sal-5 ta' Mejju għal miżata nominali ta' 10 ewro. Wara dan, is-sidien iridu jirreġistraw kull ferħ li jitwieled filwaqt li għandhom l-obbligu li jinfurmaw lill-awtoritajiet dwar trasferiment t'annimal, mewt jew ħarba.

F'każ li annimal ma jiġix irreġistrat jew jiġi impurtat illegalment, il-Gvern jistà jikkonfiskah u jiddisponi minnu permezz ta' irkant (anke barra minn Malta) għall-ispejjeż tal-individwu. Ir-rikavar imur dirett fil-fond tal-"Animal Welfare".

Is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes temm jgħid li dawn ir-regolamenti jsegwu proċess ta' konsultazzjoni pubblika li saret f'April li għadda, kif ukoll serje ta' laqgħat fosthom mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, mal-Korp tal-Pulizija, il-Kummissarju tal-Animal Welfare, il-Kummissarju tal-protezzjoni tad-Data, il-"Weapons Board", il-MEPA, is-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika, u "stakeholders" oħra rilevanti f'dan is-settur.


## Reġistrazzjoni ta' annimali perikolużi



Il-Gvern ta' Malta qed jilqa' reġistrazzjonijiet ta' annimali perikolużi ta' natura eżotika*, kif rekwiżit mill-Avviżi Legali 45/46 tal-2016.

Is-sidien ta' dawn l-annimali huma obbligati bil-liġi li jirreġistraw l-annimali tagħhom sal-**5 ta' Mejju 2016**. Fin-nuqqas ta' dan, jistgħu jittieħdu aktar azzjonijiet kontra s-sid li ma jikkonformax mal-liġi.

Tista tikkuntattja l-Customer Care fuq 22925588 jew permezz tal-posta elettronika veterinaryregulation.msdec@gov.mt għal aktar informazzjoni.

**Il-lista tal-annimali perikolużi tista ssiba mal-Avviż Legali 46 tal-2016*

PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

# JIBDEW JITQASSMU 40,000 EWRO MILL- "ANIMAL WELFARE FUND"







Tmien NGOs u santwarji tal-annimali bdew igawdu mill-fond tal-"Animal Welfare" li l-Gvern nieda f'Ottubru li għadda. L-għajnuna lil dawn l-għaqdiet se tkun waħda finanzjarja, bit-total ilaħħaq l-40,000 ewro.

F'konferenza tal-aħbarijiet li saret f'wieħed mis-santwarji li se jibbenefikaw minn din l-iskema, is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali Roderick Galdes qal illi din hija wegħda oħra mwettqa mill-Gvern biex dejjem ikollna pajjiż aktar "animal-friendly".

It-tmien għaqdiet li bbenefikaw huma l-AAA, SPCA Gozo, CSAF, Noah's Ark, Cats & Dogs shelter, Tomasina National Cat Society, Animal Rights Group, u Stray Animals Support Group.

Il-proġetti u inizjattivi magħżula jinkludu:

- provvista ta' mediċini u ikel
- tiswija ta' qtates tat-triq
- soqfa għal numru ta' kennels
- extractor fan
- servizzi veterinarji
- tqegħid ta' madum
- injezzjonijiet u first-aid kits
- gaġeġ u manutenzjonijiet oħra

Waqt il-konferenza li saret fil-jiem li għaddew, dawn l-għaqdiet ingħataw 20,000 ewro jiġifieri nofs is-somma allokata għalihom, bin-nofs l-ieħor jingħata meta jitlesta l-proġett. L-applikazzjonijiet intagħżlu minn bord imwaqqaf apposta li ddeċieda l-allokazzjonijiet.

Sadanittant, is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes nieda wkoll il-fond għall-2016 li se jkun ta' 50,000 ewro. Hu qal kif dawn l-inizjattivi huma parti mill-pjan ħolistiku li għandu l-Gvern biex isaħħaħ l-istrutturi eżistenti tal-ħarsien tal-annimali f'Malta u Għawdex.

# INIZJATTIVA OĦRA B'RISQ L-ANNIMALI TAT-TRIQ

Iktar kemm jgħaddi ż-żmien iktar qed tikber l-importanza li nieħdu ħsieb l-annimali tat-triq. Floyd Campaign hija kampanja li tiġbor fondi għal santwarji t'annimali u individwi li jitimgħu lill-annimali tat-triq. Dawn huma magħrufa bħala 'feeders'.

Il-bidu tal-kampanja "Floyd" oriġinat mill-idea ta' Nevise Borg Caligari, is-sid tal-qattus tar-razza Maine Coon bl-isem ta' Floyd. Dan il-qattus kien jipparteċipa f'bosta wirjiet Ewropej u internazzjonali u fi ftit xhur kiseb riżultati tajbin fl-ispeċi tar-razza tiegħu. Ir-riżultati miksuba kienu jirriflettu d-dedikazzjoni kbira, tqaxxir eċċellenti, eżerċizzju u programm ta' nutrizzjoni tajba, bla dubju bis-saħħa u bl-imħabba li urew is-sidien tiegħu lejh. Ġeneralment f'wirjiet li jkunu organizzati mill-TICA, il-qtates li jaslu sal-post finali jingħataw ikel u "treats" bħala premijiet. Peress li Floyd kien xortih tajba biżżejjed u ma jonqsu xejn fit-trobbija tiegħu, is-sidien ħarġu bl-idea li l-ikel u t-"treats" kollha li rebaħ jingħataw lill-qtates abbandunati u lill-"feeders" li jieħdu ħsiebhom. Minn hemmhekk ħarġet l-idea li titniehda din il-kampanja.

Nevise Borg Caligari u l-importaturi Borg Cardona & Co Ltd ingħaqdu bħala tim biex jagħmlu differenza fil-komunita` tal-benesseri tal-annimali. L-għan tal-Kampanja Floyd hu li jgħinu lil dawk inqas ixxurtjati billi jipprovdu ikel u kura superjuri għall-klieb u l-qtates tat-triq sakemm isibu dar ġdida li tgħożżhom.

Bażikament il-kampanja kienet tikkonsisti f'sistema ta' "stickers" li twaħħlu ma' numru ta' prodotti tal-ikel tal-annimali u oħrajn. Għal kull basket li nxtara b'din l-"isticker" bejn Ottubru u Diċembru 2015, awtomatikament saret kontribuzzjoni ta' ħames ċenteżmi bħala donazzjoni għal kull kilo` mibjugħ.

Fil-jiem li għaddew, waslet fi tmiemha t-tieni edizzjoni tal-"Floyd Campaign". Is-somma sostanzjali ta' 10,500 ewro inġabret fl-2014 filwaqt li s-somma totali ta'13,500 ewro ngħabru s-sena l-oħra. Din is-somma ġiet imħallsa esklussivament mill-isponsors ewlenin tal-kampanja jiġifieri Royal Canin ® u l-isponsors sekondarji Biokat's Cat Litter u Lindo Cat Litter.



# RESTAWR TAL-UNIKU TORRI TAL-ILMA F'MALTA

Stefan Cachia



Il-Biċċerija Pubblika bħalissa għaddejja f'diskussjonijiet mal-Università ta' Malta biex jiġi rrestawrat torri tal-ilma tal-konkrit uniku f'Malta.

It-torri tal-ilma huwa wieħed li għandu valur storiku liema bħalu hekk kif huwa l-unika struttura ta' din ix-xorta tiegħu fil-gżejjer Maltin. Jidher li t-torri nbena wara t-Tieni Gwerra Dinjija. L-istruttura tikkonsisti minn tank tal-ilma ċilindriku li jinsab fuq qafas f'forma ta' lenbut b'bażi sferika. Din qiegħda tistrieħ fuq tnax-il kolonna.

Il-Biċċerija Pubblika twaqqfet fis-sit eżistenti lejn tmiem is-Seklu Dsatax, u matul is-snin sarulha diversi interventi biex jitjieb l-operat tagħha. It-torri tal-ilma kien wieħed mill-istrutturi li żdidulha maż-żmien biex jinħażen l-ilma fih. Dan kien jinkludi, fost l-oħrajn, sistema ta' ġibjuni konnessi bejniethom biex jilqgħu fihom l-ilma tax-xita ta' fuq il-bjut, sistema li preżentament ukoll qed tiġi restawrata.

Jidher li t-torri tal-ilma kien inbena biswit "borehole" minfejn, aktarx, kien jinġibed l-ilma biex tinħasel il-biċċerija. Maż-żmien, it-torri ma baqax jintuża u saritlu ħsara konsiderevoli mill-elementi, tant illi partijiet mill-konkrit waqgħu.

Il-ħidma bejn il-Biċċerija Pubblika u l-Università bdiet f'Novembru 2011 u sa llum issarfet f'riċerka estensiva dwar il-mod kif inbena t-torri tal-ilma, il-materjali wżati fih, l-istat ta' konservazzjoni tiegħu, kif ukoll in-natura tal-ħsara li ġarrab maż-żmien. Preżentament qed jiġu studjati interventi potenzjali li jistgħu jsiru fuq din l-istruttura, u dan bil-għan li fix-xhur li ġejjin jinbeda l-proċess ta' restawr ta' din l-istruttura unika li tifforma parti mill-wirt industrijali tal-pajjiż.



"Jidher li t-torri tal-ilma kien inbena biswit "borehole" minfejn, aktarx, kien jinġibed l-ilma biex tinħasel il-biċċerija."

# IL-BENEFIĊĊJI TAD-DEMEL TAL-BHEJJEM TAL-BIEDJA

Philip Camilleri

Kemm-il darba titkellem mal-bdiewa u jgħidulek "Le, demel tal-bhejjem m'għadnix nuża fir-raba' tiegħi" u meta tistaqsi għaliex, tisma` raġunijiet varji, fosthom għax fih aktar xogħol biex jitferrex. Uħud ma japplikawhx, biex jevitaw iż-żrieragħ li jkun fih, u oħrajn jgħidulek li l-fertilizzant artifiċjali huwa iktar faċli u komdu biex tużah.

Min qed jelimina d-demel tal-bhejjem minn fuq ir-raba` tiegħu bħala fertilizzant, qed jiżbalja bil-kbir. Veru li hemm xi żvantaġġi bħal dawn li semmejna iżda meta titfa` kollox fil-keffa tal-miżien, l-użu tad-demel naturali li jipproduċu l-bhejjem joffri ħafna aktar benefiċċji lill-ħamrija u lit-tkabbir tal-ħxejjex u s-siġar tal-frott. Sabiex tara riżultati tajbin fir-raba' tiegħek trid tal-anqas tferrex id-demel tal-bhejjem darba kull erba` snin. Wieħed jista` wkoll jagħmel testijiet fuq il-ħamrija biex jara l-livelli ta' sustanzi preżenti.

Id-demel tal-bhejjem huwa materjal organiku li jikkonsisti minn ħxejjex u żrieragħ li nħadmu fl-intestini tal-bhejjem. Aktar kemm il-musrana tal-annimali tkun twila, id-demel aktar ikun maħdum u aktar joffri benefiċċji fil- ħamrija. Ngħidu aħna d-demel tal-baqar, in-nagħaġ u l-mogħoż huwa aktar mixtieq, għax dawn it-tip ta' annimali għandhom erba' stonkijiet u l-għalf li jieklu jixtarruh u jiddiġeruh aktar. Simili huma l-fniek u ż-żwiemel, għalkemm dawn għandhom stonku wieħed, għandhom musrana żviluppata aktar biex tkisser aktar l-għalf, u aktar minn hekk, il-fniek jgħadduh darbtejn





# IT-TIĠIEĠ ISWED TA' MALTA

Philip Aquilina

Għall-kuntrarju ta' kif jaħsbu l-bosta, ir-razza tat-tiġieġ suwed ta' Malta milhiex teżisti f'Malta għal mijiet ta' snin iżda bdiet tiġi żviluppata fl-Għammieri fin-1934 mid-Dipartiment tal-Agrikoltura taħt id-direzzjoni tas-Sur J. Cesareo.

F'dak il-perjodu l-agrikoltura fuq bażi globali kienet qed tiżviluppa sistemi u razez ġodda għal produzzjoni akbar ta' ikel għal domanda li kienet dejjem tikber. Kien perjodu fejn dawn ir-razez ġodda bdew jiġu impurtati lejn il-gżejjer tagħna sabiex tikber il-produzzjoni u b'hekk jonqos il-ġuħ. Iżda dawn ir-razez, minbarra li kienu aktar produttivi, kienu wkoll jirrikjedu għalf bilanċjat fi kwantitajiet akbar, aktar attenzjoni fit-trobbija tagħhom, u aktar vulnerabbli għal mard u problemi.

F'dik l-epoka, f'Malta kien hawn ċertu faqar, nuqqas ta' edukazzjoni u anke nuqqas ta' iġjene, sitwazzjoni li kienet qed twassal biex dawn ir-razez produttivi isibu problemi jitkabbru. Ħafna tjur impurtat kien qed jimrad b'ħafna mard lokali, mard li dawn ir-razez ma kinux reżistenti għalih u b'hekk kienu qed imutu f'numri kbar.

Kien ġie għalhekk deċiż li tinħoloq razza ta' tiġieġ lokali, razza li tkun reżistenti għall-mard, li tipproduċi ammont sostanzjali ta' bajd u laħam, u ma tirrikjedix ħafna attenzjoni. Il-gvern kien iddeċieda li jinvesti f'razza ta' tiġieġa għaliex it-tiġieġ setgħu faċilment jitrabbew minn kulħadd u kullimkien. U apparti minn hekk it-tiġieġ jilħqu fi żmien qasir, kapaċi jbidu bajda kuljum, jieklu l-fdalijiet tal-kċina u jfaqqsu f'21 ġurnata. Din tfisser li kapaċi joħolqu ġenerazzjoni ġdida fi ftit ġimgħat.

Ir-razza tat-tiġieġa s-sewda ta'Malta bdiet minn 40 tiġieġa u tlitt isriedak lokali li kienu ta' sura, daqs u għamla differenti, iżda kienu kollha suwed. Dawn it-tjur kienu ġew mixtrija minn madwar Malta u Għawdex. Għalkemm dawn it-tjur ma kinux ta' razza pura, kellhom demm Malti u addattati

mis-sistema diġestiva. Dan ifisser illi d-demel li jipproduċu jaħdmuh aktar. Dawn il-benefiċċji huma marbuta mal-mikrobi diġestivi li jinsabu fl-istonku.

Id-demel joffri s-sustanzi kollha għall-maġġuri meħtieġa għall-pjanti bħan-Nitroġenu, il-Fosfru u l-Putassa kif ukoll is-sustanzi minuri bħal Ħadid, Sulfat, Maġneżju, Kalċju u Boron. Dawn ikunu f'diversi forom li l-pjanti jassorbu mill-ewwel u forom oħrajn li jitkissru bil-mod u joffru s-sustanzi fit-tul taż-żmien. Dawn huma l-istess sustanzi li nixtru fix-xkejjer bħala fertilizzant u kultant ikollna nixtru sustanzi speċifiċi meta jkollna xi defiċjenza fuq il-weraq.

Id-demel tal-bhejjem fih ħafna aktar benefiċċji u vantaġġi. Fih insibu diversi mikro organiżmi tajbin biex jidekomponu l-materjal organiku li nsibu fil-ħamrija, bħal ħaxix niexef, insetti u annimali żgħar mejta, li minnhom joħolqu aktar sustanzi. Dawn l-istess mikro organiżmi, pemezz tal-attivita` tagħhom ijsaħħnu l-art u jgħinu l-għeruq tal-pjanti jikbru aktar b'temperatura aktar tajba għalihom. L-istess sħana tgħin u tkabbar mikro organiżmi oħrajn li kapaċi jaqbdu n-Nitroġenu mill-arja li jkun forma ta' gass u jikkonvertuh f'sustanzi li jiġu assorbiti mill-pjanti.

Il-kulur tad-demel iswed u skur jassorbi l-enerġija mix-xemx u jkompli jsaħħan iż-żona ta' madwar l-għeruq u żoni oħra fejn ikunu dawn il-mikro organiżmi benefiċjali. Id-demel iservi wkoll ta' ikel għal organiżmi akbar li nsibu fil-ħamrija bħal ħniex. Dawn huma annimali żgħar importanti ferm fil-ħamrija u huma responsabbli biex iħaffru fil-fond u jimminaw, jiftħu l-arja u jmexxu s-sustanzi fil-ħamrija.

Fattur ieħor interessanti hu li d-demel minnu nnifsu huwa materjal poruż u jaħdem qisu sponża. Meta applikat fuq raba` grass jew tafli jgħin billi jżomm aktar arja fil-ħamrija, u l-għeruq jippenetraw aħjar il-pori rqaq tat-tafal. Meta applikat fuq rabà ramli, id-demel kapaċi jtejjeb il-pori ħoxnin tar-ramel billi jżomm aktar ilma u l-pjanti jkunu jistgħu jixorbu minnu faċilment.

Minbarra dawn il-fatturi kollha, hemm fattur importanti ferm speċjalment fuq ir-raba` tagħna li huwa magħmul minn tifrik tal-blat u fih ammont kbir ta' ġir. Id-demel huwa materjal kemxejn aċiduż, u b'hekk meta applikat fil-ħamrija ikun qed inaqqas l-ammont ta' ġir billi jibbilanċja mal-ammont ta' aċidu li jkun fih id-demel. Dan iwassal biex fil-ħamrija jkollna ph aktar newtrali u l-elementi meħtieġa għat-tkabbir tal-pjanti jkunu aktar aċċessibbli sabiex jiġu assorbiti mill-għeruq.

L-applikazzjoni esaġerata ta' demel tal-bhejjem fuq il-ħamrija, l-istess bħall-fertilizzanti inorganiċi, jirriżulta biex ħafna mis-sustanzi jinħallu u wħud minnhom jintilfu mal-ilma. Dan iwassal biex jiskula fil-blat u n-nutrijenti jispiċċaw jinżlu fl-ilma tal-pjan. Dan jiġri l-aktar meta d-demel jinħażen fi gzuz kbar fil-miftuħ. Għaldaqstant, illum għandna l-liġi tan-Nitrati, Liġi Sussidjarja 504.108, li tobbliga lill-bdiewa u lir-raħħala jimmaniġjaw id-demel u l-fertilizzant b'mod aktar għaqli u responsabbli. Fost l-obbligi nsibu li kull razzett irid ikollu demmiela msaqqfa u fossa sabiex l-ilma tax-xita ma jagħmilx kuntatt mad-demel maħżun. It-tifrix ta' kull tip ta' demel jista` jsir bejn il-15 ta' Marzu u s-16 ta' Ottubru ta' kull sena u jsir skont il-ħtiġijiet imfassla fuq pjan ta' fertilizzazzjoni.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Philip Camilleri*
*Uffiċjal Xjentifiku fi ħdan is-Sezzjoni Regolatorja.*

għaċ-ċirkostanzi ta' pajjiżna. Il-kulur iswed kien ġie magħżul għaliex huwa kulur dominanti, u b'hekk aktar faċli biex jingħażel. Is-selezzjoni damet sejra għal bosta snin u r-riżultati kienu li nħolqot razza b'saħħitha u reżistenti għall-mard, li tipproduċi ammont ta' bajd u laħam konsiderevoli. Matul dan il-programm iddaħħal darbtejn id-demm ta' razza Minorka biex jisbieħ il-kulur tar-rix iswed u jibjad l-abjad tal-widnejn.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Philip Aquilina*
*Uffiċjal Agrikolu fi ħdan is-Sezzjoni tal-Annimali.*

***Nota: Dan l-artiklu jkompli fil-ħarġa li jmiss.***



# AKTAR SERVIZZI GĦAL FIRXA AKBAR TA' ANNIMALI



Ċentru San Franġisk

L-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar ħarġet permessi li jagħtu lok liċ-ċentru tal-annimali San Franġisk f'Ta' Qali biex jinbidel fi sptar mgħammar b'kollox. Din bil-għan li jisaħħu s-servizzi offruti fix-xhur li ġejjin.

L-operaturi l-ġodda talbu għal permess ġdid wara li għarfu li dan ċ-ċentru ma kellux il-liċenzja biex jopera bħala klinika jew sptar, iżda setà biss jopera sempliċiment bħala klinika għal rikoverar, bil-limiti kollha tagħha. Il-permess il-ġdid se joffri opporunità liċ-ċentru i jagħti aktar servizzi lil firxa akbar ta' annimali, kif ukoll se jinkludi taħriġ professjonali lill-assistenti tal-veterinarji u l-organizzazzjonijiet regolari biex itejbu l-professjoni veterinarja lokali fi ħdan iċ-ċentru.

Fix-xhur li għaddew, waqt sessjoni ta' konsultazzjoni pubblika "Gvern li Jisma`", is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes kien qal illi l-isptar se jipprovdi wkoll servizzi lill-annimali tar-razzett, kif ukoll spiżerija miftuħa 24 siegħa għall-benefiċċju tal-annimali. Eventwalment, mal-ħruġ ta' dan il-permess, fl-aħħar ta' Frar, ix-xogħol fuq dan il-proġett inbeda bla telf ta' żmien.

# SERVIZZI ĠODDA TAL-KAĊĊA GĦALL - GĦAWDXIN

It-Taqsima tar-Regolamenti tal-Għasafar Selvaġġi se tibda tipprovdi s-servizzi tagħha f'Għawdex għall-Għawdxin darbtejn fix-xahar.

Is-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes qal illi l-uffiċċju tal-WBRU f'Għawdex se joffri firxa ta' servizzi. Dawn jinkludu tiġdid jew tibdil ta' liċenzji, pagamenti għal eżamijiet u mistoqsijiet relatati, bejgħ ta' materjal dwar l-ispeċi kaċċabbli, ordnijiet ta' kopji għal "site plans" reġistrati, pagamenti ta' multi amministrattivi, temi relatati mal-infurzar, servizzi ta' "customer care" u ilmenti oħra ġenerali.

B'kollaborazzjoni mal-Ministeru t'Għawdex, dawn is-servizzi se jingħataw f'uffiċċju apposta kull l-ewwel u l-aħħar Ħamis tax-xahar, bejn id-9am u s-1pm fir-Razzett tal-Gvern fix-Xemkija.



# SUĊĊESS FIL-BEJGĦ TA' SIĠAR MILL-MIXTLA



Sena ta' ħidma iebsa biex jitnisslu s-siġar tal-frott issarrfet matul l-aħħar ġimagħtejn ta' Frar meta tqassmu s-siġar lil dawk li kienu ordnawhom f'Ottubru tas-sena ta' qabel, u wara sar il-bejgħ tal-kumplament lill-pubbliku li żar il-Mixtla bi ħġaru. Fil-fatt, din is-sena, is-siġar kollha – 9,600- li kienu għall-bejgħ fil-mixtla, inbiegħu kollha.

Il-Mixtla li tinstab fir-Residenza tal-Anzjani ta' San Vinċenz de Paule, twaqqfet fl-1999 b'koperazzjoni maċ-Ċentru Internazzjonali għall-Istudji Avvanzati fil-Mediterran, kif ukoll l-Istitut Agronomiku ta' Bari. Din il-mixtla hija l-unika waħda f'Malta li hija rreġistrata bħala mixtla li fiha huwa permess li jitnisslu s-siġar tal-frott. Is-siġar tal-frott prodotti mill-Mixtla huma ċċertifikati ħielsa mill-mard skont regolamenti Ewropej għall-ħarsien tal-pjanti.

Il-Mixtla hija mifruxa fuq 60 tomna art agrikola, u maqsuma f'numru ta' għelieqi. Fi tnejn mill-akbar għelieqi ta' madwar ħames tomniet-il waħda, insibu kollezzjonijiet ta' tipi differenti ta' siġar tal-frott u l-varjetajiet tagħhom. F'waħda minnhom hemm 24 varjeta` ta' żebbuġ u 24 varjeta` ta' lewż ħelu, tuffieħ u lanġas, filwaqt li fl-oħra nsibu 97 varjeta` ta' frott irqiq, fosthom ħawħ, għajnbaqar, pruna, berquq u ċirasa. F'oqsma oħra nsibu kollezzjonijiet ta' siġar tal-frott lokali bħal ċitru, rummien, naspli, tut u ċawsli. L-għan aħħari tal-Mixtla huwa li jiġu ppruvati, introdotti u mnissla tipi u varjetajiet ta' siġar tal-frott ġodda kif ukoll is-selvaġġ li fuqhom jitlaqqmu. Tiġi evalwata kemm il-kapaċità li dawn jikbru u jagħtu l-frott fil-ħamrija u l-klima tagħna, kif ukoll il-kwalita` u l-produzzjoni. B'hekk il-bidwi jista' jtejjeb il-produzzjoni tal-frott frisk u l-konsumatur ikollu għażla akbar u għal żmien aktar fit-tul. Għan ieħor xejn anqas importanti hu li jinstabu, jinġabru u jinżammu f'kollezzjoni nazzjonali, siġar tal-frott lokali jew awtoktoni. Wara li jitnisslu, dawn is-siġar jinbiegħu, u b'hekk niżguraw li ma jintilifux.

# TNAQQIS TAL-BUROKRAZIJA FIL-KAĊĊA




It-Taqsima tar-Regolamenti tal-Għasafar Selvaġġi ħabbret bidliet importanti fil-proċedura tal-liċenzjar li se jnaqqsu kemm il-burokrazija fuq il-kaċċaturi u n-nassaba, kif ukoll il-piż amministrattiv u l-ispejjeż fuq l-awtoritajiet.

Waqt konferenza indirizzata mis-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes tħabbar kif il-kotba ġodda tal-"Carnet de Chasse" mhumiex jinħarġu aktar u minflok se jinbidlu ma' liċenzja ġenerali għall-kaċċa u l-insib li se tinħareġ f'forma ta' karta tal-identità.

Filwaqt li qabel kaċċatur u nassab kien ikollu japplika għall-"Carnet de Chasse" kull sena, din il-liċenzja l-ġdida se tkun valida għal perjodu ta' ħames snin.

Il-ħlas għal din il-liċenzja l-ġdida, pagabbli l-MaltaPost, se tkun hekk:

kaċċa minn fuq l-art (liċenzja ta' ħames snin): €50

kaċċa minn fuq il-baħar (liċenzja ta' ħames snin): €5

kaċċa tal-fenek selvaġġ (liċenzja ta' ħames snin ): €50

qbid tal-fenek selvaġġ bix-xbieki (liċenzja ta' ħames snin): €25

liċenzja ġenerali għall-insib: €50

Dan ifisser li kaċċatur jew nassab li bħalissa għandu liċenzja ta' waħda mill-kategoriji li semmejt se jkun qed iħallas in-nofs li kien ikollu jħallas matul perjodu ta' ħames snin kif kienet is-sistema attwali.

Dan ir-roħs fil-ħlas hu possibbli grazzi għal inqas spejjeż għall-ammininistrazzjoni li se tuża modi elettroniċi u aktar moderni biex jirrappurtaw il-qbid t'għasafar.

Għalkemm mhux se jkun hemm aktar il-bżonn li jiġu rritornati u mġedda l-kotba tal-"Carnet de Chasse" kull sena, kull nassab xorta jrid jassigura ruħu li huwa membru ta' organizzazzjoni tal-kaċċa/insib, għandu l-permess tal-pulizija, polza tal-assigurazzjoni, permess tal-użu tal-arma u liċenzja speċjali separata li tiġi maħruġa speċifikament għal dik is-sena fejn jiġu applikati d-derogi tal-insib.

F'każ fejn il-"Carnet de Chasse" ma jiġix irritornat, ikun hemm multa ta' 75 ewro u jekk din ma titħallasx ikun hemm proċeduri kriminali fil-Qorti.

Fil-każ ta' dawk li għandhom il-Liċenzja Speċjali tal-2015 għall-insib tal-għasafar tal-għana, il-liġi titlob ukoll li kull ċurkett (abjad, aħdar u metall) li ma ġiex użat min-nassaba matul l-istaġun għandu jiġi rritornat wara li jispiċċa l-istaġun, flimkien mal-"Carnet de Chasse".



Summien Imberfel ta` Malta



Summiena taċ-Ċina (mutazzjoni domestika)



Summiena tas-Simna (kulur tas-Selvaġġ)



Summiena tal-Passa (kulur tas-Selvaġġ)

## RAZEZ DOMESTIĊI MALTIN

# SUMMIEN TA' MALTA

Arnold u Jeffrey Sciberras

Is-summien huwa wieħed mit-tjur domestiċi, kif ukoll huwa tajr selvaġġ tal-passa, li hu popolari kulturalment fil-gżejjer Maltin. Id-diversita` fit-tjur domestiċi tkopri diversi kategoriji ta' speċi, uħud iddokumentati sew, filwaqt li dwar l-oħrajn ma ngabar xejn, aktar minn għajdut. Fil-każ tas-summien f'Malta jinstabu żewġ speċi distinti: dik tal-Ewropa, li tissejjaħ tal-passa, bil-Latin "Coturnix coturnix", u dik tas-simna, bil-Latin "Coturnix japonica", It-tieni speċi oriġinat mill-Ġappun, iċ-Ċina, ir-Russja, il-Korea u l-Indja. Tas-Simna f'Malta u fl-Ewropa, issibha biss bħala tajra ddomestika, bħala konsum tal-ikel għall-bniedem, u għall-wirjiet.

Nassaba antiki jirreferu għas-**Summiena ta' Malta**. Din kienet popolazzjoni domestika ta' summien imnissla minn dawk maqbudin lokalment mis-selvaġġ, minn dawk tal-passa. Kienet deskritta morfoloġikament differenti għax kienet iżgħar u ta' lewn aktar ċar minn dak tas-selvaġġ. Kienet imnissla purifikament biex tgħajjat iktar mis-summien normali fl-imnasab. Id-differenza fil-kobor u fil-kulur kienet probabbli każ ta' għażla artifiċjali tal-istess demm. L-awturi għamlu riċerka fuq diversi eżemplari, iżda mid-dehra din il-popolazzjoni nqerdet.

Is-**Summiena Imberfla ta' Malta** hija razza żviluppata riċentament, permezz ta' selezzjoni artifiċjali mis-summiena Ġappuniża, li hija tas-Simna. L-iskop prinċipali ta' din ir-razza huwa għall-produzzjoni tal-laħam, imma peress li għandha rix iktar sparpaljat minn razez oħra, tagħmilha iktar faċli biex dan l-għasfur jiġi mnittef. Ir-rixa hija wkoll partikolari, għax f'dik il-parti tar-rixa li tissejjaħ "barb", m'hemmx dawk il-ganċijiet irqaq żgħar li normalment jorbtu l-"barbs" ma' xulxin, allura dan in-nuqqas jagħti r-rix id-dehra mberfla. Ir-razza għadha fil-proċess ta' żvilupp u tinsab għaddejja minn diversi studji biex tiġi ddokumentata xjentifikament mill-awturi u minn kollegi li kellhom irwol importanti għall-formazzjoni ta' din ir-razza. L-istudju se jkun ippubblikat minn Sciberras, Cini u Catania. Riċerka mhix ippubblikata f'forma ta' teżi minn Catania turi li din il-mutazzjoni kienet diġà rreġistrata minn Roberts u Fulton fl-1979, iżda qatt ma ġiet żviluppata f'razza u qatt ma sar studju fuq il-konverżjoni tal-propozjoni tal-ikel tagħhom. Il-kulur magħruf f'din l-ispeċi bħala "t-Taljan" hija iżolata għall- popolazzjoni Maltija. Din ir-razza dehret l-ewwel darba fil-wirjiet Maltin f'2012 u minn dik is-sena żdiedet il- popolarita` tagħha. Din ir-razza bl-Ingliż hija magħrufa bħala "Maltese Rough Textured Quail".

F'Malta jinstabu ftit razez oħrajn tas-Simna, b'kuluri diversi, ħafna minnhom oriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika.

Jinstabu wkoll diversi speċi distinti ta' summien ieħor li jitrabba hawn Malta u waħda ta' interess li jidher li anke ħarġu xi mutazzjonijiet partikolari lokalment, li tissejjaħ is-Summiena taċ-Ċina, "Coturnix chinensis". Aktar studji dwarhom għadhom għaddejjin mill-awturi għall-verifikazzjoni ta' din l-aħħar speċi.

Għal aktar informazzjoni nheġġiġkom iżżuru https://www.facebook.com/columbatopia.

*Dan l-artiklu nkiteb minn: Arnold u Jeffrey Sciberras Riċerkaturi fuq il-Biodiversita`*



# JIRRITORNA ŻMIEN IL-FRAWLI

Dr. Mario Spiteri

Huma ħafna dawk li jistennew iż-żmien tar-rebbiegħa għaliex jibda jitfaċċa frott imfittex ħafna mill-familji Maltin: il-frawli. Però t-tjubija tal-frawli ma tiqafx biss mat-togħma, għaliex diversi studji jelenkaw l-importanza tal-frawli għal saħħitna.

Fil-ktieb "The Book of Ingredients", Philip Dowell u Adrian Bailey jiddeskrivu l-frawli bħala "frotta ta' oriġini Amerikana u tista' tvarja fid-daqs. Din il-frotta tista' tiltaqa' magħha matul is-sena kollha u tista' tittiekel mal-krema u z-zokkor, filwaqt illi tista' tintuża f'ikel! preservat, pasti u kejkijiet.

Din il-frotta ilha li ġiet skoperta minn żmien ir-Rumani u kienet tintuża anke bħala mediċina. Ninsabu fi żmien fejn il-piż żejjed u l-kundizzjonijiet li dan iġib miegħu qegħdin jingħataw l-attenzjoni, madankollu, sfortunatament, anke minħabba l-ħajja impenjata li qegħdin ngħixu fiha, ftit li xejn nagħtu kas tal-benefiċċji li jġib miegħu ċertu ikel. Il-frawli frisk huwa rigal min-natura lill-bniedem.

Il-frawli fih bosta vitamini essenzjali bħall-fibra, potassa u kimiċi tajbin. Dawn il-kimiċi (phytochemicals) iservu ta' protezzjoni kontra bosta mard. Meta wieħed jiekol porzjon imdaqqas, bejn wieħed u ieħor daqs kaxxa frawli, ikun qed jassorbi 55 kalorija biss filwaqt illi jkun qed jilħaq iktar mid-doża rakkomandata ta' Vitamina Ċ kuljum għat-tfal, jiġifieri 140%. Fil-fatt, kaxxa frawli fiha ammont ta' Vitamina Ċ iktar minn kemm fiha larinġa mdaqqsa! Din it-tip ta' vitamina tgħin għall-fejqan ta' xi grif u brix, filwaqt illi żżomm il-muskoli b'saħħithom.

Studji xjentifiċi juru li l-fibra hija komponent essenzjali ta' dieta b'saħħitha. Lepidemoloġisti, jigifieri t-tobba li janalizzaw il-kaġun ta' mard u kundizzjonijiet fil-bniedem, jishqu li l-individwi li jikkunsmaw ammont għoli ta' fibra jnaqqsu l-probabbiltà li jkunu vittma ta' attakki tal-qalb. Għaqdiet tas-saħħa Amerikani u Ewropej jagħtu iktar importanza lill-ikkunsmar tal-fibra. Il-potassa hija element essenzjali sabiex il-ġisem uman iżomm il-funzjoni tal-muskoli u proċessi oħra importanti bilanċjati. Dan l-element jgħin ħafna wkoll sabiex jirregola l-pressjoni tad-demm. Il-Linji Gwida tad-Dieti Amerikani jissuġġerixxu li dieti li fihom jittiekel ammont ta' frott u ħaxix jipprovdu biżżejjed potassa sabiex tkun evitata pressjoni għolja. Tmien frawliet imdaqqsin fihom 170mgs ta' potassa jew 5% tal-minerali li l-ġisem għandu bżonn kuljum.

L-antiossidanti li wkoll jinkludu l-Vitamina Ċ jilagħbu parti importanti fil-kontroll ta'mard kroniku u kundizzjonijiet bħall-kanċer, il-mard tal-qalb u d-dijabete. Studji fl-Amerika (USDA) fiċ-Ċentru tar-Riċerka tan-Nutrizzjoni Umana għal Età Avvanzata fl-Università ta' Tufts sabu li l-ikkunsmar tal-frawli jnaqqas il-mard relatat max-xjuħija. Dawn l-antiossidanti jassorbu ruħhom b'mod totali fil-ġisem sa siegħa wara li tittiekel il-frotta. B'hekk jibdew il-ġlieda tagħhom kontra l-kimiċi li jidħlu f'ġisimna minn tipjip, infjammazzjonijiet, radjazzjonijiet u l-bqija. Jekk ma nagħtux kashom, dawn ikomplu jakkumulaw f'ġisimna u jwasslu għal sitwazzijonjiet mhux mixtieqa fil-ħajja.

Studji riċenti tan-nutrizzjoni jpoġġu l-frawli bħala t-tieni fl-aktar għaxar frottiet sinjuri fl-antiossidanti. Il-frawli jgħinu wkoll sabiex inaqqsu l-livelli tax-xaħam fid-demm, kundizzjoni ewlenija li twassal għall-mard tal-qalb.

Xi antiossidanti partikolari li jinsabu fil-frawli jinkludu l-"anthocyanins", li jagħtu lill-frotta l-kulur aħmar, il-"quercetin" u l-"kaempferol" li huma "flavonoids". Sustanzi oħra importanti huma l-"Chlorogenic Acid", il-"p-cottmaric acid uhellargic acid". L-"ellargic acid" inaddaf il-ġisem mill-kimika li tikkawża l-kanċer u tiddiżattivaha. Dan iwaqqaf ukoll xi kimika milli tinbidel xi bakterja li tista' tkun ta' periklu għan-nies. L-azzjoni qawwija kontra l-kanċer mill-frawli friski, ġejja kollha mill-"ellargic acid" li jwaqqaf il-karċeroġini milli jaqbdu mad-DNA tan-nies.

Kelliema għas-saħħa tan-nisa li jagħtu pariri dwar in-nutrizzjoni tajba jishqu li l-frawli huma sors tajjeb ħafna ta' "folate", li spiss jissejjaħ "folic acid" u "folacin", "folate" huwa vitamina B. Il-"foliate" huwa importanti ħafna għan-nisa li qed jaħsbu biex ikollhom it-tfal għaliex dan inaqqas ir-riskju lit-trabi jitwieldu bl-"ispina bifida". Il-"foliate" jagħti protezzjoni kontra problemi tal-qalb u jżomm funzjoni newroloġika tajba. Dan jagħmel ukoll azzjoni biex jitneħħa l-"homocysteine" li huwa "amino acid" li jinsab fid-demm u jikkawża mard koronarju tal-qalb, puplesiji u mard vaskolari periferali. F'porzjon ta' tmien frawliet hemm 10% tal-"folate" li għandu bżonn il-ġisem ta' kuljum.

*Dan l-artiklu nkiteb minn: Dr. Mario Spiteri*
*Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali*

Hija baxxa fix-xaħam u l-kolesterol; għolja fil-fibra, fil-Vitamina Ċ u l-Potassa.

Il-valur nutrittiv tal-frawla jagħmilha addattata ferm għal: bilanċ tajjeb fis-saħħa; telf fil-piż.

Evita li tiekol il-frawli fid-dieta tiegħek jekk tixtieq li żżid il-piż.

(www.vegparadise.com)

# KEJK GĦAŻ-ŻMINIJIET TAL-GĦID



Andrew Farrugia

## IL-METODU

**TEMPERATURA TAL-FORN**
150°C / 300°F

Ħawwad il-butir u z-zokkor sakemm jirtab u żid il-bajd waħda, waħda. Ġo reċipjent ieħor itfà; iċ-ċirasa, ż-żbib, il-passolina, il-qxur tal-lumi u "mixed spice", u wara żid id-dqiq u ħawwad sew. Kif tlesti, żid din it-taħlita ma' dik tal-butir u ħawwad kollox flimkien. Poġġi nofs it-taħlita ġo landa tal-kejk ta' tmien pulzieri. Iftaħ terz tal-marżipan u poġġi fuq it-taħlita tal-kejk, imbagħad itfà l-kumplament tat-taħlita fil-wiċċ. Aħmi għal madwar siegħa u ħamsa u erbgħin minuta ġo forn bit-temperatura ta' 150 grad. Ħalli l-kejk jiksaħ u idlek il-wiċċ bil-ġamm tal-berquq. Il-kumplament tal-marżipan żidu bil-kulur isfar (yellow coloring) u iftaħ. Żejjen il-wiċċ tal-kejk billi tpoġġi bajd taċ-ċikkulata żgħar u żejjen b'żigarella safra fil-ġnub hekk kif jidher fir-ritratt.

*Riċetta: Andrew Farrugia huwa lettur fl-Istitut tal-Istudji Turistiċi*

## L-INGREDJENTI:

- 100 gramma ċirasa;
- 225 gramma butir;
- 225 gramma zokkor ismar skur;
- 4 bajdiet;
- 225 gramma dqiq self raising;
- 225 gramma passolina;
- 100 gramma żbib;
- 50 gramma konfettura;
- qoxra ta' żewġ lumijiet;
- 2 kuċċarini "mixed spice" mitħun;
- Għad-dekorazzjoni:
- 450 gramma marżipan;
- 1-2 kuċċarini ġamm tal-berquq.







# ROKNA GĦAT-TFAL

Claire Cauchi



## Kif intom tfal?

Erġajna ltqajna għal rokna oħra interessanti. Din id-darba ser nitkellmu fuq kif tistgħu tkabbru l-patata d-dar jew inkella tħajru lill-għalliema tagħkom biex tagħmlu hekk flimkien, fil-klassi. B'dan l-esperiment tkunu tistgħu taraw kif jiffurmaw l-għeruq u tibdà tikber il-pjanta. Se nużaw il-patata għaliex hija pjanta li tikber fi ftit żmien, allura m'intomx se ddumu ħafna tistennew fuq ix-xwiek!



## X'għandek bżonn?

Tazza

Patata/ "Sweet potato"

Toothpicks

Qasrija ta' madwar 20ċm (8 pulzieri)

Ħamrija/Kompost



## Il-metodu:



Imla tazza sa nofsha bl-ilma u agħżel patata li toqgħod ġot-tazza li tkun għażilt.

Daħħal erbà "toothpicks" bejn wieħed u ieħor naqra `l fuq min-nofs tal-patata u poġġiha ġot-tazza bl-ilma. Agħti kas li terz minnha biss ikun imiss mal-ilma.

Poġġi t-tazza f'post li jara madwar sitt sigħat kuljum ta' xemx diretta u dejjem kun ċert li żżomm fl-ilma l-istess livell kif juru l-istampi. Ara li tibdel l-ilma kollu jekk jitħammeġ jew ma jibqax ċar.



Madwar ġimagħtejn wara għandek tibda tara għeruq żgħar bojod jikbru ġol-ilma u wara ftit ser tinnota wkoll ir-rimi min-naħa ta' fuq tal-patata.

Kif tkun saret bħall-istampa neħħiha mill-ilma u poġġiha ġol-qasrija li tkun ippreparajt. Oqgħod attent li ma tkissirx l-għeruq waqt li tkun qed tħawwilha. Dejjem ara li jkollok ukoll madwar żewġ pulzieri mir-rimi mgħaddas ġol-ħamrija.



Meta tkun lest saqqiha u erġa poġġiha fix-xemx ħalli tkompli tikber. Saqqi dejjem meta tħoss il-wiċċ tal-ħamrija niexef.

## KOMPETIZZJONI

**Irbaħ ktieb ġentilment mogħti mingħand "Merlin Library" billi twieġeb din il-mistoqsija:**

Kif l-aħjar li tittiekel il-patata ħelwa sabiex tieħu n-nutrijenti kollha tagħha?

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom flimkien mal-isem u l-kunjom, id-data tat-twelid, l-indirizz tad-dar, l-indirizz elettroniku u n-numru tat-telefown lill-**Kompetizzjoni Nisġet Artna, Taqsima Festi Rurali Ċentru ta' Riċerka u l-Iżvilupp L-Għammieri, Triq l-Ingiered, Il-Marsa, MRS 3303.**

It-tweġibiet tagħkom għandhom jaslu sat-18 t'April 2016. Din il-kompetizzjoni hija miftuħa għal tfal mhux akbar minn 12 –il sena. Ir-rebbieħ tal-edizzjoni li għaddiet kien Nathan Julian Cardona.



# ĦUTA ŻGĦIRA B'IMPORTANZA EKOLOĠIKA KBIRA

Tristan Charles Camilleri

Għal ħafna nies il-ħuta nazzjonali ta' Malta hija l-lampuka, u bir-raġun: dan għaliex għal ħafna snin konna anke nsibuha fuq il-munita tal-għaxar ċenteżmi Maltin. Iżda meta tfittex f'ċerti kitbiet issib li għalkemm qatt ma ġiet idikjarata uffiċjalment, il-ħuta meqjusa bħala "nazzjonali" hija oħra; ħuta żgħira li forsi ftit hawn min qatt raha ħajja, jekk mhux f'xi waħda mir-riżervi tal-għasafar. Din m'għandha l-ebda valur kummerċjali bħal-lampuka, għalkemm għandha importanza oħra għalina, dik ekoloġika.

Il-Bużaqq hija ħuta li tikber sa bejn 50 – 55mm u kapaċi tgħix kemm fl-ilma ħelu kif ukoll mielaħ, għalkemm tippreferi dak salmastru. Din l-speċi hija endemika għall-Mediterran, bid-distribuzzjoni tagħha testendi miċ-ċentru sal-punent tiegħu, inkluż il-baħar Adrijatiku, fejn tinstab madwar il-kosta ta' bosta pajjiżi. F'Malta, il-Bużaqq tgħix f'postijiet fejn l-imluħa tal-ilma tvarja matul is-sena; lokalitajiet bħas-Salini, il-kanal tal-Magħluq ta' Wied il-Għajn u r-riżervi tal-għasafar tal-Għadira u s-Simar, fejn f'dawn tal-aħħar kienet ġiet introdotta xi snin ilu. Min-natura tagħhom, dawn il-postijiet huma kemxejn magħluqin, għaldaqstant ma tantx jofru opportunitajiet biex l-ispeċi testendi d-distribuzzjoni tagħha, b'riżultat li l-popolazzjonijiet naturali huma distinti minn xulxin.

Il-Bużaqq tirriproduċi fix-xhur sħan u twal tar-rebbiegħa u s-sajf, meta l-mara tbid numru żgħir ta' bajd kuljum (jew kultant tant jiem) u twaħħalhom qalb l-alka u l-ħaxix. Il-bajd ifaqqas wara madwar ħmistax il-ġurnata bil-friegħ jitilqu jfendu għal rashom mat-twelid. L-ikel prinċipali tal-Bużaqq huwa magħmul l-aktar minn invertebrati żgħar u alka.

Minħabba raġunijiet varji, din il-ħuta hija meqjusa bħala speċi mhedda u għaldaqstant ġiet imħarsa fil-pajjiżi kollha fejn tgħix fosthom Malta, bl-liġijiet, direttivi u konvenzjonijiet lokali kif ukoll internazzjonali. F'pajjiżna, ħadd ma jista jaqbad jew iżomm lil din il-ħuta jekk mhux b'permess speċjali.

### Il-Killifish Conservation Project

Iż-żewġ sħab f'dan il-proġett, jiġifieri d-Direttorat tal-Akwakultura u n-Nature Trust (Malta) qegħdin jaħdmu id f'id flimkien mal-Awtorità tal-Ippjanar (il-MEPA) sabiex l-għanijiet ta' dan il-proġett jintlaħqu u l-Bużaqq terġà tistabbilixxi ruħa u toħroġ mill-periklu tal-estinzjoni li tinsab fih.

Fost l-għanijiet tal-proġett hemm dak tat-tnissil tal-Bużaqq f'akwarji u tankijiet apposta. Dan qed isir mill-"Education and Conservation Breeding Unit" fit-Torri ta' San Luċjan, fejn it-tnissil qed isir b'mod xjentifiku u kkontrollat, sabiex tiġi ppriservata l-purità tal-'gene pool' ta' kull popolazzjoni lokali

*Dan l-artiklu nkiteb minn Tristan Charles Camilleri Direttur tal-Akwakultura*

## IL-BUŻAQQ

**Isem xjentifiku: Aphanius fasciatus (Nardo)**
**Isem Ingliż: Mediterranean killifish; Southern-European killifish**









Ritratti: Ray Caruana



# PATATA OĦRA GĦALL-KĊINA MALTIJA
# Sweet Potato

Claire Cauchi

Fl-aħħar snin, il-mara tad-dar qiegħda tkun aktar konxja x'titma lill-familja tagħha. Saħħitna sirna nieħdu ħsiebha aktar minn qabel, allura ċerti għażliet meta mmorru nixtru sirna nagħmluhom b'iktar għaqal. Illum ser nitkellmu fuq l- "isweet potato" li hija tip ta' patata li bil-mod il-mod qiegħda tidħol iktar fis-suq lokali u fil-kċina Maltija.

L- "isweet potato" hi tip ta' patata kemxejn differenti minn dik tradizzjonali, kemm fid-dehra kif ukoll fit-togħma. Fil-verità, għalkemm tissejjaħ patata ma tiġix mill-familja tal-patata, u filwaqt li l-werqa tal-patata hija velenuża, dik tal-"isweet potato" hija nutrittiva u tajba għall-konsum. Minn riċerka nstab li bħala kaloriji, u karboidrati, l-"isweet potato" fiha inqas mill-patata tradizzjonali, u fiha iktar fibra wkoll.





"L-"Isweet Potato" hi tip ta' patata kemxejn differenti minn dik tradizzjonali, kemm fid-dehra tagħha kif ukoll fit-togħma."

## Kif titkabbar?

It-tkabbir tagħha huwa faċli u simili ħafna għall-patata komuni li naraw titkabbar spiss fl-għelieqi madwarna. L-unika differenza hija li tikber iktar u tifrex il-weraq tagħha fuq medda usa. Hija pjanta addattata ħafna biex titkabbar f'pajjiżna għaliex tippreferi klima sħuna u għandha bżonn biss ammont żgħir ta' ilma u ftit fertilizzant wara li tkun ġiet stabbilita fil-post. Tixxeblek ħafna, u l-maġġoranza tal-bdiewa jużawha bħala 'mulch' biex ma jikbirx ħaxix ħażin. Hawn ħafna varjetajiet ta' "sweet potato" fosthom il-ħamra, oranġjo, vjola, safra u bajda. Il-ħamra u l-oranġjo huma l-iktar popolari fis-suq. Għandhom togħma ħelwa, rotob u fihom kontenut għoli ta' vitamina A. Is-safra u l-bajda huma inqas ħelwin u inqas rotob meta jissajru.

## Fejn tikber komda?

Tippreferi tikber ġo ħamrija ramlija, klima b'ħafna xemx u sħana B'hekk tikber b'rata iktar mgħaġġla. Teħtieġ ftit ilma u ftit fertilizzant

## Ma tikbirx komda ġo:

Ħamrija mifqugħa bl-ilma, temp kiesaħ u fertilizzant li għandu ammont għoli ta' nitroġenu. Jekk jintuża dan it-tip ta' fertilizzant tispiċċa b'ħafna weraq u ftit li xejn patata!

## Kif tintuża fil-kċina?

Tista' tintuża bħal kull patata li tinsab fis-suq: mal-insalata, mgħollija, maxx, moqlija u l-forn. Il-werqa tagħha tista' tintuża wkoll mal-insalata jew 'stir fry' flimkien ma` ħxejjex oħra.

## Riċetta ħafifa:

Għalli l-"isweet potato" fi ftit ilma bil-melħ. Ħalliha tiksaħ u qatta' f'dadi żgħar. Itfa' ġo dixx, ferrex ftit żejt taż-żebbuġa, naqra tewm, ftit klin u aħmi l-forn għal madwar għoxrin minuta!

L-ikla t-tajba!

*Dan l-artiklu inkiteb minn Claire Cauchi Uffiċjal Agrikolu Anzjan fi ħdan id-Direttorat għall-Kompetizzjoni u d-Diversifikazzjoni*

# XOGĦOL FIR-REBBIEGĦA

Carmelo Briffa



Żgur li ħafna jaqblu li r-rebbiegħa hija l-isbaħ staġun tas-sena, u li ma tantx tagħti lok għal tgergir. F'dan iż-żmien il-ġonna u l-kampanja jkunu fl-aqwa tagħhom, u l-fjuri jimlew kullimkien bi fwiħithom u kulurhom. Naħal, żnażan u friefet joħorġu bi ħġarhom u s-siġar jimtlew bil-għana tal-għasafar, kulħadd f'ġirja waħda biex inissel ġenerazzjonijiet ġodda.

**Tisqija**

Jidher li din is-sena ġejja sena xotta għax sal-mument li ktibt dan l-artiklu, ix-xita kienet ftit, u l-granet imbegħdin. Jekk din is-sitwazzjoni ma tinbidilx drastikament, is-siġar u l-għelejjel tar-raba' ser ikunu affettwati ħażin u l-produzzjoni tkun skarsa. Għalhekk min għandu biss ilma tal-ħażna għandu jużah bil-galbu, u juża mezzi ta' tisqija li jikkonservaw l-ilma, u mezzi oħra biex jitnaqqas it-telf tal-umdita` mill-ħamrija. Fis-suq, wieħed isib pajpijiet tal-plastik, armar tal-plastik, qattara u friefet b'volum baxx li jwasslu l-ilma sa ħdejn il-pjanta. Tajjeb ukoll li naħartu ħafif il-wiċċ tal-ħamrija biex neqirdu l-ħaxix ħażin u nżommu t-tira. Nistgħu nużaw il-"mulch" jew kull tip ieħor ta' friex użat biex l-ilma li nagħtu ma taħtfux ix-xemx. Bħala eżempji nsemmu l-plastik iswed, it-tiben, iċ-ċana, biċċiet taz-zkuk imqattgħin, ġebel, ċagħaq u ċaqquf. L-aħħar tlieta huma tajbin biex jitgħatta wiċċ il-qsari.

Jekk l-istaġun xitwi jibqà xott, tajjeb li wieħed jaħseb minn issa biex jagħti saqja jew tnejn qabel is-sigar jiżgħaru, u b'hekk ngħinuhom joħorġu b'saħħithom u jżommu l-frott.

**Frott**

Għall-bidu tal-istaġun, insibu żewġ frottiet bikrin: iċ-ċawsli u n-naspli, u lejn l-aħħar jibdew jidhru xi varjetajiet ta' ċirasa, ħawħ u berquq. Frotta mfittxija ħafna f'dan iż-żmien hija l-bajtar ta' San Gwann li sfortunatament naqas sew minħabba susa li qiegħda teqred is-siġar tat-tin. Jibda wkoll il-bettieħ u d-dulliegħ li jkun tkabbar taħt il-plastik jew fis-serer. Il-frawli tkun fl-aqwa tagħha.

**Xogħol fir-raba' u l-ġnien**

F'dan iż-żmien it-tinqix u t-tindif mill-ħaxix ħażin għandu jkun xi ħaġa regolari. L-art li ser tilqa` prodotti tas-sajf trid tkun maħduma u mogħtija d-demel. Id-demel misjur hu mezz ieħor ta' kif intejbu ż-żamma tal-umdità fil-ħamrija, iż-żamma u r-rilaxx bil-mod ta' ħafna minerali u sustanzi utli għall-għelejjel u l-fjuri tagħna biex jikbru b'saħħithom, hu mezz biex insaħħu l-fertilita` tal-ħamrija biż-żieda sustanza organika.

Għall-bidu tal-istaġun jibdew jinkixfu l-prodotti li jkun hemm taħt it-"tunnels" biex jidraw l-arja ta' barra. Hekk insemmu l-frawli, il-qara` bagħli, il-bettieħ, id-dulliegħ, il-bżar aħdar, u t-tadam.

Jistgħu jinżergħu fit-tilari f'xi post xemxi u għall-kenn, il-qara` tork, il-qara` twil, il-qara` bagħli, il-qara` ħamra, il-ħjar, il-bettieħ, id-dulliegħ, il-brunġiel, il-pastard tas-sajf u kromb ieħor, it-tadam, il-bżar aħdar u l-felfel. Ix-xitel ta' dawn il-prodotti jista' jitħawwel barra għall-aħħar tal-istaġun. Fil-beraħ wieħed jista' jiżra' jew iħawwel iċ-ċentinarja, il-fażola li tixxeblek, iċ-ċiċri, il-qamħirrun, il-patata ħelwa, il-patata tas-sajf, l-artiċokk, il-krafes u t-tursin, il-ħass tas-sajf, il-kurrat, il-basal tal-pikles, il-fiġel u l-mustarda. Mill-ħwawar insemmu l-ħabaq, il-ħlewwa u l-ġulġlien. Bħala fjuri, wieħed jista' jħawwel it-tuberi tad-dalji, kanna, begonia u gloxinja. Dan żmien iż-żrigħ taż-żinji, ward

tax-xemx, tagates, portulakka, "morning glory", qronfol tork, amarantus u asteri.

Huwa importanti li nispezzjonaw ix-xitel mill-ħsara kaġunnata mill-insetti u l-bebbux kif ukoll minn taħsir minħabba tisqija żejda u umdità. Dan japplika għal xitel fit-tilari u dawk illi jinsabu barra.

## Taħwil

Min għad irid iħawwel siġar u arbuxxelli jista' jagħmel dan basta jixtrihom fil-qasrija. Il-qasrija għandna nneħħuha bil-galbu, u naraw jekk hemmx għeruq imdawrin. Tajjeb li wieħed ineħħi dawn l-għeruq billi jagħmel numru ta' qatgħat vertikali.

## Tilqim

Malli s-siġar juru l-ewwel sinjali ta' qawmien mir-raqda tax-xitwa u l-qoxra tibda' terħi, wieħed jista' jibda jlaqqam bis-suffara. Din it-tip ta' tilqima tintuża l-aktar fuq siġar tal-frott li jħaddru s-sena kollha, bħal żebbuġ, naspli u ċitru, fuq siġar m'eħxen lapes, sa siġar li jkollhom żokk ta' tmien pulzieri jew aktar. Din it-tilqima hi kemxejn ikkumplikata u tajjeb li titħalla f'idejn mgħallma biex niżguraw suċċess.

Għal Mejju wieħed jista' juża l-metodu magħruf bħala u tal-għajn "jew" tal-qoxra. Dan il-metodu huwa aktar sempliċi. Infittxu friegħi ġodda u tarjin minn siġar omm jew varjeta` mixtieqa u li nafu li huma ħielsa mill-mard, u minnhom nieħdu l-għajn u parti mill-qoxra dawramejt. Din l-għajn trid tiddeffes taħt il-qoxra tas-selvaġġ li fuqu tkun saret qatgħa forma ta' T u l-qoxra mberrħa. Niżguraw li l-għajn titpoġġa wiċċ ma` wiċċ mal-injama ta' taħt il-qoxra u norbtu b'lastiku tat-tilqim mingħajr ma ngħattu l-għajn. Il fuq mit-tilqima rridu nħaffu sew is-selvaġġ mill-frieghi u xuxa żejda. Malli naraw l-għajn tisponta rridu niżmiċċaw is-selvaġġ pulżier il fuq mit-tilqima.

B'dan il-metodu nistgħu nlaqqmu l-frott kollu tal-għadma u taż-żerriegħa, it-tut, iċ-ċawsli, ir-rummien, it-tin, il-ħarrub u ċ-ċitru.

## Kontroll ta' Mard

Nagħmel enfasi fuq il-prevenzjoni, u mhux nieħdu azzjoni meta l-marda tkun daħlet u ħarbitilna mill-kontroll tagħna. Għandek tbixx bil-qies u skont programm ta' bexx professjonali, u timxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet li jkun hemm fuq it-tikketta.

Hekk kif nindunaw li s-siġar u d-dwieli bdew iqumu, għandna nagħtu l-aħħar bexxa ta' prevenzjoni b'bexx li jkun fih il-kupru. Waqt li s-siġar huma bil-fjuri għandna nevitaw li nbixxu. F'każ ta' bżonn, biex nilqgħu kontra trips fuq il-ħawħ u n-nuċiprisk, kontra l-ġmieda tal-lanġas u t-tuffieħ u kontra l-bergħud aħdar tar-rummien, għandna nagħżlu bexx li fuqu jkun indikat li ma huwiex ta' ħsara għan-naħal. Soluzzjoni oħra hi li nbixxu filgħaxija wara li n-naħal jidħol jistrieħ. Ma ninsewx li huwa n-naħal li jrid jagħmel ix-xogħol tad-dakra u jgħin biex jgħaqqad il-frott. Dan ma jgħoddx għad-dwieli, żebbuġ, ċawsli u tut fejn id-dakra ssir bir-riħ.

Id-dwieli għandhom jiġu mgħabbra bil-kubrit malli r-rimi jilħaq tul ta' 10ċm, u nibqgħu nagħmlu hekk sakemm it-temp jibqa` umdu. Dan jilqa kontra l-mell dqieqi u l-peronospera.

Malli s-siġar iżommu l-frott, tajjeb li nagħtu bexxa b'insettiċida mħallat maż-żejt abjad u nolqtu sew kemm ix-xuxa, il-frieghi u z-zokk prinċipali. Dan jikkontrolla mard tal-miskta, id-dubbiena l-bajda, psilla u ħafna tipi ta' susa taz-zokk.

Fuq l-għelejjel tar-raba` rridu ngħabbru l-bħajra, it-tadam, bżar u l-brunġiel. Għandna nbixxu l-patata u t-tadam kontra l-ġlata u taħsir ieħor, is-sadid tal-ful, piżelli, basal u tewm, u kontra nsetti bħal farfett abjad tal-kromb, il-bergħud iswed tal-ful u l-ħanfusa tad-dwieli.

Eħles fis mill-budebbus li ssib jikber mal-ful, piżelli u legumi oħra. Il-budebbus huwa pjanta parassitika li tagħmel diversi blanzuni kull wieħed b'mijiet ta' żerriegħa li kapaċi tgħix għal snin sħaħ. Aqilgħu u aħarqu.

Hemm bżonn li mal-ewwel ċans inbixxu l-qasbija kontra l-ħaxix ħażin. Billi x-xitwa kienet xotta, il-ħaxix ħażin kiber iżjed u jaf joħnoq il-qasbija. Meta għandna, nużaw erbiċida selettiva u għandna nbixxu filgħaxija biex ma nagħmlux ħsara lin-naħal.

## Xogħol ieħor fil-ġnien u l-għalqa

Fil-bidu ta' dan l-istaġun għandna nħawlu x-xitel kollu tal-fjuri tas-sajf mill-aktar fis. Nibdew insaqqu b'mod meqjus u regolari dan ix-xitel u pjanti oħra ornamentali fil-qsari. Inżidu l-ammont hekk kif ix-xemx tibda tikkarga. Xi saqja bi ftit fertilizzant li jinħall tgħin biex ix-xitel jaqbad u jisbieħ malajr u jagħtina fjuri sbieħ u bl-abbundanza.

Pjanti li kibru wisq noforquhom, jew inkabbrulhom il-qasrija u nżidulhom it-terriċċju. Issa wkoll nistgħu nnisslu l-kakti u s-sukkulenti bil-biċċiet. It-taħwil isir wara li nħallu l-biċċiet xi jiem f'post delli ħalli jagħlqu l-ferita. Pjanti li jixxebilku bħal ġiżimin, stefanotis, passiflora, filodendro, buganvilla, loniċera u hoya jitnisslu bit-tirqid f'dan iż-żmien.

April u Mejju huma magħrufin għar-riħ qawwi u tajjeb li norbtu x-xitel tas-siġar li għadna kemm ħawwilna ma' puntal sakemm jarmaw sew bl-għeruq.

Għall-aħħar tal-istaġun jasal żmien il-ħsad tas-silla, tal-qamħ, xgħir u felu, filwaqt illi l-ħsad tal-ful, piżelli, ċiċri u ġulbiena għan-niexef isir matul ġranet ta' rtuba.

*Dan l-artiklu nkiteb minn*
*Carmelo Briffa*
*Uffiċjal Agrikolu Anzjan fi ħdan id-Direttorat għall-Kompetizzjoni u d-Diversifikazzjoni*



# NIBŻGĦU GĦAS-SIĠAR TAGĦNA

## INŻOMMU L-MARD ‘IL BOGĦOD MINN XTUTNA

Simone Galea

Id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti flimkien mal-Organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja għall-Protezzjoni tal-Pjanti (EPPO) nieda u qiegħed iwettaq kampanja informattiva bl-isem ‘Tirriskjax’ (Don’t Risk it). Din il-kampanja hija immirata għall-vjaġġaturi, bl-iskop prinċipali li tavżahom fuq il-perikli ta’ meta wieħed iġib lura miegħu d-dar pjanti u materjal ieħor ta’ pjanti, u dan għaliex jista’ jkun qed jinġarr bosta mard tal-pjanti, avolja s-sintomi mhux bilfors jistgħu jkunu viżibbli.

Ta’ min jgħid illi l-marda tas-siġar taċ-ċitru “Tristeża” kienet daħlet ġewwa l-gżejjer tagħna permezz ta’ vjaġġatur li kien qed iġorr miegħu “cutting” taċ-ċitru li kienet irriżultat infettata. B’konsegwenza ta’ dan, kellhom sfortunatament jitqaċċtu u jinħarqu mijiet ta’ siġar taċ-ċitru sabiex jiġi kkontrollat it-tixrid ta’ din il-marda.

Għaldaqstant din il-kampanja nħolqot propjament biex tħeġġeġ lill-vjaġġaturi ma jiħdux riskji meta jdaħħlu f’pajjiżna pjanti li ma jkunux għaddew mill-kontrolli uffiċjali tas-Saħħa tal-Pjanti u li ma ġewx iċċertifikati ħielsa mill-mard. Għal dan il-għan id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti stampa u qassam fuljetti informattivi kemm bl-Ingliż u bil-Malti, u stampa wkoll xi kartelluni (posters).

Sabiex ikompli jitwassal dan il-messaġġ, id- Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti jinsab għaddej ukoll b’kampanja oħra li qed tiġi ffinanzjata taħt il-“Pest Survey Programme”. Din il-kampanja torbot ma’ dik li għadna kif semmejna, pero' hija speċifikament iffukata fuq “Xylella Fastidiosa” li hija batterja li tikkawża marda qerrieda u tfaċċat f’ dawn l-aħħar snin fl-Ewropa, fl-Italja u Franza, u s’issa qerdet madwar miljun siġra taż-żebbuġ.

Din il-batterja li tista’ tiġi trażmessa permezz tal-insetti “spittlebugs” u “leafhoppers”, u timblokka s-sistema tal-ilma li tinsab ġos-siġar. L-effetti ta’ din il-marda jimmanifestaw ruħhom fuq it-truf tal-weraq tas-siġra li jibdew jitbielu u jinxfu sakemm imutu. Siġar taċ-ċitru, frott irqiq kif ukoll dwieli jistgħu jiġu affettwati wkoll minn din il-batterja. Fortunatament ix-“Xylella” għadha mhix preżenti fil-gżejjer Maltin.

Dan id-Direttorat qiegħed iwettaq ħidma kontinwa biex jassigura li dan ma jseħħx. Dan qed isir, permezz ta’ diversi spezzjonijiet, kemm f’għelieqi, ġonna, żoni pubbliċi u fuq xtieli wżati għat-tħawwil b’enfasi fuq kummerċ li joriġina mill-Italja. Diversi spezzonijiet qegħdin jiġu mwettqa wkoll fil-port fejn jidħlu passiġġieri u karozzi bil-Katamaran ġejjin direttament mill-Italja. Apparti avviż għall-istampa, ġew stampati wkoll fuljetti biex jiġu mqassma għal dan il-għan.

B’rabta wkoll ma’ din il-kampanja, id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti għadu kemm ipproduċa filmat li ntwera fuq stazzjonijiet ewlenin lokali, kif ukoll permezz tal-midja soċjali, fejn għaraf li jwassal dan il-messaġġ edukattiv u informattiv b’mod viżwali. Ta’ min isemmi l-introduzzjoni tal-karattru ‘Xylellu’ li ser ikun qed jintuża sabiex jitwassal il-messaġġ ta’ x’wieħed għandu jagħmel biex ma jħallix tidħol ġewwa l-gżejjer Maltin ix-”Xylella”.



Xylellu: il-karattru li ser ikun qed jintuża għal din il-kampanja

L-introduzzjoni ta’ insetti u mard ġodda tal-pjanti jistgħu jkunu ta’ theddida serja għall-ekonomija kif ukoll għall-bijodiversità lokali. Għalhekk huwa ferm importanti li wieħed ma jirriskjax. Għal iktar informazzjoni wieħed jista’ jikkuntattja lil dan id-Direttorat fuq freephone 8007 2310 jew numru tat-telefown 2292 6535, jew permezz tal-imejl plant.health@gov.mt

*Dan l-artiklu nkiteb minn Simone Galea*
*Assistent Prinċipal fi ħdan id-Dipartiment tas-Saħħa tal-Pjanti*



# L-UĠIGĦ TA' RAS FIT-TKABBIR TAT-TADAM

Andre` Sciberras

Problema kbira li jiltaqgħu magħha l-bdiewa kull sena hija t-Tuta *absoluta*, li huwa insett li jgħix fuq il-pjanti tal-familja *solanaceous*. Dan l-insett għandu preferenza kbira għall-faxxina u l-frott tat-tadam, pero` jista' jattakka wkoll patata, bżar, brunġiel u pjanti oħra tal-familja "*solanaceous*".



il-larva



il-fosdqa



l-adult

## Ċiklu

Iċ-ċiklu tat-Tuta *absoluta* huwa twil bejn 28 u 38 ġurnata, dan jiddependi mit-temperatura. Aktar kemm it-temperatura tkun għolja, aktar dan l-insett jirriproduċi malajr. Il-larva (*caterpillar*) huwa dak li jagħmel il-ħsara billi jħaffer ġol-weraq, zkuk u frott. Il-larva ġeneralment jagħmel il-fosdqa ġol-ħamrija jew fin-naħa ta' fuq tal-werqa.

## Kif tista' tidħol it-*Tuta absoluta*?

Dan l-insett jista' jiġi introdott fl-għalqa jew fis-serra permezz ta' xitel li jkollu l-larva tat-*Tuta absoluta* preżenti, jew minn fdalijiet tal-faxxina u frott li jkunu tħallew viċin. Il-larva tista' tibqa' ħajja f'dawn il-fdalijiet u terġa' tinfetta x-xitel il-ġdid meta l-kundizzjonijiet ikunu tajbin. Infezzjoni ta' dan l-insett tista' wkoll tibda f'għalqa jew f'serra fejn fl-istaġun ta' qabel kien hemm it-tadam jew uċuħ oħra tal-familja *solanacea*, bħal brunġiel u patata. Xi xitel selvaġġ tal-familja *Solanacea* wkoll ixerrdu dan l-insett.



sintomi fuq il-weraq



sintomi fuq il-frott

## Is-Sintomi tat-*Tuta absoluta*

Il-partijiet kollha tal-pjanti `l fuq mill-ħamrija jistgħu jiġu infettati minn dan l-insett. Il-larva għandha preferenza għall-weraq u z-zkuk, pero` tista' tinsab ukoll bejn iz-zokk u l-frott, kif ukoll fil-frott stess. Sintomi ċari tat-*Tuta absoluta* huma mini fuq il-weraq u ġewwa z-zkuk fejn ikun hemm il-larva preżenti.

## Miżuri ta' kontroll

Moniteraġġ permezz tan-nases tal-feronomi (pheromone traps)

L-użu ta' dawn in-nases huwa biex il-bidwi jkollu indikazzjoni kmieni tal-preżenza ta' dan l-insett. Dan il-moniteraġġ jista' jiġi pprattikat kemm fl-għelieqi miftuħin kif ukoll fis-serer.

Użu ta' serer protetti: huwa importanti ħafna li s-serer li fihom jitkabbar it-tadam ikunu magħmulin b'nets apposta biex it-*Tuta absoluta* ma tiġix introdotta minn barra. Il-bibien huwa importanti ħafna li jkunu jistgħu jingħalqu u jissiġillaw tajjeb. Il-persuni li jidħlu fis-serer għandhom joqogħdu attenti li ma jdaħħlux magħhom it-*Tuta absoluta*.

Kontroll permezz ta' prodotti naturali: l-użu tan-"neem oil" (Azadiractin) jista' jintuża bħala insettiċida fuq it-tadam għal infezzjonijiet żgħar. Meta l-infezzjoni tat-*Tuta absoluta* tiżdied għal livell medju, huwa raekommandat li jintuża l-*Bacillus thuringensis* flimkien mal-Azadiractin. L-użu tal-kubrit jista' wkoll jgħin biex jipprevjeni l-introduzzjoni jew il-firxa ta' dan l-insett. Fis-serer, l-użu ta' "yellow sticky traps" jgħinu biex jinqabdu l-adulti jekk ikunu preżenti. B'hekk il-bidwi jkollu, indikazzjoni jekk it-*Tuta absoluta* tkunx preżenti jew le.

Kontroll permezz ta' pestiċidi: huwa importanti li l-bidwi ma jużax dejjem l-stess bexx kontra dan l-insett, pero` importanti wkoll li ma jintużax bexx imħallat b'ingredjenti attivi differenti għax inkella dan l-insett jibni reżistenza aktar malajr.

L-ingredjenti attivi li jikkontrollaw it-*Tuta absoluta* huma dawn: Imidachloprid - Indoxacarb - Spinosad - Deltamethrine (għal kontra l-insett adult) - Rynaxypyr

Good Agricultural Practices u Integrated Pest Management:

- użu ta' crop rotation;
- ħart fi żmien tajjeb, tisqija u fertilizzazzjoni addattata;
- eliminazzjoni ta' pjanti infettati b'dan l-insett u eliminazzjoni totali tal-faxxina u fdalijiet tal-frott kif jispiċċa l-istaġun;
- ix-xtieli tat-tadam li jkunu ġejjin kemm minn Malta jew minn pajjiżi barranin huwa importanti ħafna li ma jkollhom l- ebda sintomu ta' dan l-insett, u jridu jkunu akkumpanjati b'passaport tal-pjanti fejn ikun hemm indikat ukoll il-varjeta` tat-tadam;
- kif jispiċċa l-istaġun tat-tadam tas-serer, il-faxxina għandha tinqata' minn mal-ħamrija u tiddendel biex tinxef sew; il-faxxina għandha tibqa' tinbexx sabiex jiġu eliminati kemm l-adulti u l-larva tat-*Tuta absoluta* qabel ma tinħareġ barra biex tinħaraq. Dan irid isir kemm jista' jkun malajr biex jiġi evitat li jinxtered l-insett fl-għelieqi ta' barra.

Dawn ir-rekwiżiti fejn jidħol il-kontroll, eliminazzjoni tal-faxxina, nases u serer protetti ħerġin mir-regoli u linji gwida ta' hawn taħt. Għalhekk il-bdiewa li jkabbru jew ibiegħu it-tadam għandhom jimxu skont dawn ir-regoli u linji gwida li jinstabu wkoll fuq is-sit uffiċjali www.agriculture.gov.mt.

*Dan l-artiklu nkiteb minn Andre` Sciberras, Riċerkatur fuq il-Biodiversita`*

# IL-POETA NAZZJONALI U R-RABTA MAR-RABA'

Leslie Vassallo

Dun Karm Psaila (1871-1961), il-poeta li kiteb l-Innu Nazzjonali tagħna, twieled Ħaż Żebbuġ fi żmien meta l-irħula tagħna kienu jixbħu ragħaj jindokra merħla djar qalb ir-raba' tal-madwar. Għalkemm għamel żmien twil jgħix il-Belt Valletta, qatt ma nesa `l raħal twelidu li tah it-togħma tal-għelieqi, siġar, pjanti fix-xagħri u l-widien. Ħammlu d-dehra u l-fwieħa tan-natura hekk li dan kollu baqa' jiġri f'demm il-versi li kiteb bil-Malti. Tinħass il-ġibda lejn fatti li huma sempliċi, dejjiema; li jistqarru ħwejjeġ li jikbru mill-ħamrija tal-ħajja u l-ħolqien, jissaqqew bl-ilma ġieri tal-qalb.

F'waħda mill-aktar poeżiji magħrufin tiegħu:"Il-Jien u lilhinn Minnu" Dun Karm iħares madwaru jfittex wens mill-'ħondoq tad-dwejjaq kiefra'. Jara 'dehra ħelwa' ta' 'ward ilellex/ bl-eluf u jilgħab mal-fewħiet għaddejja;/ smajt lill-għasafar moħbijin fix-xuxa/ tal-fraxxnu u tal-ħarrub igħannu l-għanja ferrieħa...'

Dun Karm jagħraf il-qawwa tal-prodott Malti u l-kliem magħżul hu safi u f'saħħtu daqs dan l-istess frott. F "Fid-Dielja" il-poeta jikteb :-

**"Ħaddar, ja dielja, taħt ix-xemx ta' Mejju,**
**Ifrex iż-żraġen mas-sisien, mal-moxa;**
**Fuq art twelidi tħallix xiber blata**
**Ħawli jew imnażża'."**

Il-poeta jixtieq li l-ambjent Meditteranju tagħna jinħadem għar-risq ta' moħħ u dirgħajn il-Maltin u l-Għawdxin. Għaliex għandna nemmnu biss fi prodott barrani? Iheġġeġ bil-qawwa tas-sengħa tal-pinna:-

**'O Malta tiegħi, ma rajthiex id-daħka,**
**ma smajthiex tfaqqa' fuq xoffitejn barrani?**
**Urih imlibbsa kullimkien bid-dwieli**
**għoljiet xemxija.'**

Dun Karm bil-poeżija tiegħu wera ċar kemm il-Malti jista' jinżara' sabiex jagħti frott ġenwin u bnin. Din hi s-saħħa ta' lsienna imma wkoll is-saħħa tagħna bħala poplu li jgħix fuq l-għira- il-ħtieġa li nsaqqu, niġbru u ndemmlu kull ħaġa li tagħtina l-karattru. Jammira lit-'Tifla tar-Raba`'' li 'jien rajtek kemm-il darba u għirt għall-qawwa/ ta' dirgħajk u riħlejk, ja bint ir-raba';/ rajtek hienja u daħkana s-sjuf u x-xtiewi/ tbakkar u tishar.' Ix-xogħol tar-raba' jista' jkun twil u iebes iżda jeħtieġ li aktar żgħażagħ jaħsbu f'dan il-qasam li ma jħallix ħala ta' art u jsaħħaħ moħħ u ġisem.

Din il-kitba tixtieq turi r-rabta bejn il-poeta u r-raba' u l-ħidma fih- mera ta' bniedem li jixtieq jgħix ferħan u ħieles. Iżda kull kelma ta' Dun Karm hi diwja ta' leħen il-baħar ( "Żagħżugħ ta' Dejjem!") u tqanqil ta' nifs l-art. Ngħożżu 'l dan il-wirt.

Il-poeta, f''Xenqet ir-Raba'', jgħajjat

**'Ifthuli dawn is-swar ħa noħroġ barra**
**fix-xemx, qalb l-għana tal-għasafar, fl-ajru**
**mimli bis-saħħa, ifuħ b'riħet il-plejju,**
**b'riħet is-sagħtar.'**



# ORIZZONTI ĠODDA FI FRANZA

Elenio Tanti

F'Settembru 2015 l-Erasmus tani l-opportunita` li flimkien ma' żewġ studenti oħra mill-istess ċentru nagħmel esperjenza ta' taħriġ ma' studenti Franċiżi fl-Istitut ta' Genech viċin Lilleg, esperjenza mifruxa fuq 24 ġurnata. Flimkien ma' student ieħor li qegħdin nispeċjalizzaw fl-ortikultura ġejna msejħa sabiex nipparteċipaw f'attivitajiet relatati ma' dan is-settur, filwaqt illi l-parteċipant l-ieħor li qed jistudja x-xjenzi tal-annimali kellu r-responsabbilta` li jieħu ħsieb l-istalel taż-żwiemel.

Kull filgħodu, aħna ż-żewġ studenti tal-Ortikultura konna ningħaqdu ma' xi klassi differenti ta' studenti b'etajiet differenti biex nagħmlu l-prattika magħhom. Konna mmorru fil-maħżen tal-għodda u naraw xi jkollna bżonn skont ix-xogħol li jkun se jsir. L-istudent l-ieħor kien jagħti sehmu waqt it-tindif tal-istalel u kien jara li ż-żwiemel jingħalfu skont id-dieta tagħhom. Wara kien jieħu ħsieb illi ż-żwiemel jiġu ppettnati u ppreparati billi jitlibbsulhom il-kappestri sabiex joħorġu jimirħu fir-raba' tal-madwar.

Fil-qasam ortikulturali għamilna ħafna affarijiet differenti, bħal pereżempju tgħallimna nqiegħdu l-pavimentar li jintuża f'żoni rurali Franċiżi u tgħallimna t-teknika korretta ta' kif għandu jinqata' t-"turf".

Kien hemm ġranet fejn morna ma' studenti oħra naqtgħu t-tuffieħ li mbagħad l-iskola stess kienet tagħsar u tipproċessa f'sugu, sabiex jinbigħ fil-ħanut tal-iskola stess, u li kien ikun miftuħ il-ġimgħa kollha. Osservajna wkoll kif tiġi ppreparata u miżrugħa ż-żerriegħa tat-"turf". Ġurnata minnhom, filgħodu rħejnielha għal "garden centre" fil-viċinanzi. Hemmhekk tgħallimna u pparteċipajna fit-taħwil tal-basal tal-fjuri tal-"hyacinth".

Min-naħa l-oħra, l-istudent li pparteċipa fl-immaniġġjar tar-razzett taż-żwiemel kien jarma u jlesti ż-żwiemel għal xħin l-istudenti jiġu għal-lezzjonijiet tagħhom, ukoll kien jgħin fl-amministrazzjoni tal-mediċini u jidħol f'xi lezzjonijiet ma' xi għalliema sabiex isegwi u jifhem aħjar il-prinċipji wara din il-prattika.

Barra minn dan it-taħriġ, kelli l-opportunita` li nissieħeb ma' xi studenti u għalliema fl-attivitajiet kulturali li kellhom. Żorna "parks", ġonna, razzett tal-baqar u korsa taż-żwiemel. Kienu

# GĦERF IL-POPLU

Christopher Bonnici

Insellmilkom u nispera li lkoll tinsabu tajbin! Għaddew ftit ġimgħat oħra u f'idejkom għandkom il-ħarġa tar-rebbiegħa. Din il-ħarġa qiegħda tasal għandkom f'dan iż-żmien sabiħ meta n-natura tirxoxta mill-ġdid wara x-xitwa. Minkejja li din is-sena x-xitwa kienet xi ftit jew wisq niexfa, nistgħu ngħidu li t-temp tar-rebbiegħa bdejna nħossuh ferm qabel is-soltu. Nisperaw issa li t-temp tradizzjonali tar-rebbiegħa ma jkunx xitwi ħalli jħallina ngawdu l-festi reliġjużi sbieħ tal-Għid li jinsabu wara l-bieb.

Insomma... nibdew bl-ewwel wieħed:

*F'Marzu, jekk ix-xemx ma toħroġx filgħodu, toħroġ filgħaxija.*

F'dan l-istaġun, kollox jibda jdur mat-temp illi juri li s-sajf qed joqrob. Fil-fatt, f'Marzu, kif nafu, uffiċjalment jibda l-istaġun tar-rebbiegħa, u għalhekk, anke jekk it-temp ikun bil-maltemp, xi ftit ħin ta' xemx, missirijietna kienu jemmnu li b'xi mod jew ieħor irid jibda jkun hemm. Dan b'differenza mix-xhur tax-xitwa fejn aktar kien ikun mistenni dlam u maltemp.

*Ix-Xita f'San Ġorġ Megħuda*

Ara taħsbu li se nidhol f'xi parrokkjaliżmu ta' festi! Żgur li le! Madankollu, fil-ktieb "Qwiel u Qaddisin" ta' Victor J. Galea sibt dan il-qawl u għalhekk ġegħilni nfittex dwaru. Il-jum ta' San Ġorġ jaħbat fit-23 t'April, u għalhekk fi żmien meta r-rebbiegħa tkun daħlet sewwa... uffiċjalment tkun ilha xahar u jumejn illi bdiet. Il-kelma "megħuda" hija korruzzjoni tal-kelma "imwiegħda", u għalhekk, speċjalment l-Għawdxin isostnu li f'jum San Ġorġ, ix-xita donnha mwiegħda, trid tagħmel xi ftit bilfors. Nafu li dan mhux dejjem kien il-każ, minħabba li l-bdiewa ġeneralment jitkellmu mhux fuq il-ġurnata tal-festa nfisha, imma aktar fuq iż-żmien partikolari li fih tkun iċċelebrata. U dan iwassalni għall-qawl segwenti:

*Ix-Xita f'San Mark Nar fl-Art*

San Mark l-Evanġelista huwa ċċelebrat jumejn wara San Ġorġ, jiġifieri nhar il-25 t'April. Ta' min jirrimarka li l-25 t'April hija l-aħħar ġurnata li fiha tista' taqa' l-festa tal-Għid il-Kbir skont il-mod kif jitkejjel iż-żmien meta tista' tkun iċċelebrata. Il-kurżità tqum minħabba li l-bdiewa donnhom jistennew ix-xita nhar San Ġorġ imma jitolbu li ma tagħmilx jumejn wara. Meta kienu għadhom ħajjin nannieti - Alla Jaħfrilhom – mhux l-ewwel darba li staqsejthom għaliex din it-"taħwida". Dejjem qaluli skont il-bidwi xi jkun ħawwel jew żera'; altru jkollu prodotti li jkun jeħtiġilhom ix-xita sabiex jikbru, u għalhekk mhix "nar fl-art" ix-xita ta' dakinhar, u altru min kien ikun wasallu l-ħsad tas-silla f'dan iż-żmien partikolari tas-sena, illi jekk tagħmel ix-xita, il-qatgħet tas-silla li jkunu għadhom kif ġew maħsuda jkunu għadhom fl-għalqa, jixxarbu u sfortunatament ma jibqgħux tajbin. Minħabba f'hekk, għal dawn il-bdiewa, ix-xita ta' dan iż-żmien hija "nar fl-art".

Nispera li din ir-rokna laqtitkom u forsi ż-żgħar tagħna tgħallmu xi ħaġa wkoll. Grazzi lil dawk illi ltaqgħu miegħi u wrew l-apprezzament għal din il-paġna, u filwaqt illi nselli għalikom nawguralkomli tgawdu n-natura sabiħa li għandna f'pajjiżna.

żjajjar tassew interessanti u edukattivi. Magħhom ukoll żort il-belt kapitali Franċiża, Pariġi. Hemm kellna mawra fil-Kastell ta' Versaille u l-ġonna tiegħu, kif ukoll żjara madwar it-Torri Eiffel.

Wara l-ħin tal-iskola, konna ningħaqdu ma' studenti Franċiżi sabiex naqsmu l-ideat u l-ħsibijiet flimkien. Kellna l-opportunita` li nitħarrġu u nipprattikaw ukoll il-lingwa Franċiża.

Din l-esperjenza kienet ta' interess kbir. Tgħallimna aktar dwar is-suġġetti li qegħdin nitħarrġu fihom u kellna l-okkazjoni li nipprattikaw dak li konna qegħdin nitgħallmu. Barra minn hekk stajt nitgħallem affarijiet ġodda li kien ikun impossibbli nitgħallimhom hawn Malta, għamilt kuntatti ġodda u rajt kif tiġi mgħallma l-agrikoltura f'pajjiż ieħor. Tgħallimt mhux ftit dwar il-kultura Franċiża u għamilt ħbieb ġodda li nibqa' ngħożż.



